MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 493/2002

**C.Fino & Sons Limited**

**Vs**

1. **Nicholsons The Supermarket Limited**
2. **Tonio Ciantar**
3. **Philip Ciantar**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, hames mija u tnejn u sittin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm4,562.39), dovuti mill-konvenuti "in solidum", import ta' sittax-il (16) kambjala, enumerati minn 18605 sa 18620, accettati mis-socjeta' konvenuta, avallati mill-konvenuti Tonio Ciantar u Philip Ciantar, skaduti, pero' mhux onorati, kif jidher mill-istatement unit Dok. "A" u kopja ta' l-liema kambjali jinsabu uniti u mmarkati Dok. "B" sa Dok. "I".

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru, 2001, u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjaliet u li sat-8 ta' Awissu, 2002, jammontaw ghall-Lm277.34 skond id-Dok. "A", kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-18 ta' Novembru, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit
Dep Reg.